# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar 2001**

**Numru 39**

**Citaz. numru 1176/88 DS**

Victor Chircop
vs
Rokku, Paul u Philip ahwa Caruana

Illum, 23 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Novembru 1988 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fuq inkarigu tal-konvenuti l-attur bena mahzen f'Bishop Caruana Street, Zebbug, ghal liema xoghol sal-lum ghadu ma thallasx;

Illi l-partijiet, li kellhom u ghad ghandhom diversi propjetajiet bi shab, kienu qablu illi x-xoghol esegwit jigi mkejjel mill-Perit Ellul Vincenti tant li ghal dan l-iskop u bi qbil bejn il-partijiet kienet giet miftehma d-data tal-24 ta' Ottubru 1987 fit-3 p.m.

Illi l-konvenuti naqsu li jattendu ghal fini tal-kejl tal-mahzen hekk kostruwit mill-attur u inoltre naqsu li jottemporaw ruhhom anke wara li gew interpellati ufficjalment fis-17 ta' Gunju 1988;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-attur ikkostruwixxa l-mahzen f'Bishop Caruana Street, Zebbug, kif fuq inghad u li inoltre l-konvenuti naqsu li jaddivjenu ha jitkejjel ix-xogholijiet hekk esegwiti mill-attur;

2. tappunta Perit ghall-iskop tal-kejl tax-xogholijiet hekk esegwiti mill-attur biex ikun jista jigi likwidat l-ammont dovut lill-attur ghal dan l-appalt.

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma li tigi hekk likwidata in sodisfazzjon tax-xogholijiet kollha esegwiti mill-attur fil-kostruzzjoni tal-mahzen kif fuq premess;

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Gunju 1988 u tal-ittri legali tal-21 ta' Gunju 1988 u tal-4 ta' Lulju 1988, kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Rokku u Paul ahwa Caruana fejn qalu:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-artikolu 2149 tal-Kodici Civili;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Caruana fejn qal:

1. Illi huwa minnu li Victor Chircop ghamel xogholijiet ta' bini fil-mahzen f'Bishop Caruana Street, Zebbug propjeta ta' tliet konvenuti izda l-amministrazzjoni kienet f'idejn il-konvenut Rocco Caruana u ghalhekk ma kienx f'pozizzjoni illi jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-appalt u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-hlas tal-ispejjez tal-kawza.

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-27 ta' Jannar 1989 li permezz tieghu gie nominat l-assistent gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran sabiex jigbor il-provi;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fl-4 ta' Gunju 1992 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Rokku u Paul Caruana;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Gunju 1992 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Renato Laferla bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-6 ta' April 1993;

Rat id-digriet tat-12 ta' April 1994 fejn, fuq talba tal-konvenuti, gew nominati l-A.I.C. Rene` Buttigieg, l-A.I.C. Frederick Doublet u l-A.I.C. David Pace bhala periti addizzjonali;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa fl-10 ta' Ottubru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza l-attur talab li jitkejjel ix-xoghol li huwa ghamel fil-kostruzzjoni ta' mahzen f'Bishop Caruana Street, Zebbug, sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh l-ammont li jigi likwidat ghal tali xoghol. Filwaqt li l-konvenuti Rokku u Paul Caruana sostnew li m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur, il-konvenut Philip Caruana qal li ma kienx f'pozizzjoni li jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' l-appalt peress li l-amministrazzjoni kienet f'idejn il-konvenut l-iehor Rokku Caruana.

Fis-sentenza preliminari taghha ta' l-4 ta' Gunju 1992, din il-Qorti diversament presjeduta kellha okkazjoni tosserva li mill-provi jirrizulta li *"l-attur tassew hadem xoghol u fornixxa materjal lill-konvenut(i) u li tieghu rcieva hlas akkont ta' erba' mitt lira u dana kien ghall-habta tas-sena 1976. Irrizulta li l-kontendenti kienu jinnegozjaw flimkien kemm qabel kif ukoll wara li sar dan ix-xoghol fuq mahzen tal-konvenuti, li baqa' ma tkejjilx ghal fini ta' likwidazzjoni ta' ammont dovut…."*

Fl-istess sentenza ntqal ukoll li mill-provi prodotti *"jirrizulta li t-tezi attrici hija ferm aktar attendibbli minn dik tal-konvenuti. Mill-provi*

*jemergi car li sa Ottubru 1987 il-konvenuti Caruana kienu ghadhom disposti li jsir il-kejl tax-xofghol tal-mahzen* de quo *tramite s-servizzi tal-arkitett Joseph Ellul Vincenti".*

Wara li giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, kien ghalhekk jonqos biss li jsir il-kejl opportun sabiex jigi likwidat l-ammont dovut. Il-perit tekniku l-A.I.C. Renato Laferla fil-fatt acceda fuq il-post, ha l-kejl relattiv u llikwida s-somma ta' Lm5128.28,1 li minnha jridu jitnaqqsu l-Lm400 imhallsa akkont li jhalli bilanc ta' Lm4728,28,1.

Il-periti addizzjonali qablu ma' l-ewwel perit tekniku li l-prezzijiet kellhom jirriflettu dawk vigenti fl-1975, pero` bidlu diversi mir-rati billi jidher li taw aktar konsiderazzjoni ghall-kontribuzzjoni tal-konvenuti fix-xoghol involut. Inoltre llikwidaw is-somma ta' Lm60 favur il-konvenuti ghall-mano d'opera taghhom fl-irbit tat-travi. Konsegwentement huma vvalutaw ix-xoghol ta' l-attur fl-ammont ta' Lm3899.95,5 li minnu jridu jitnaqqsu l-Lm400 mhallsa akkont u s-Lm60 likwidati ghal mano d'opera kif intqal, li jhalli bilanc ta' Lm3439.95,5, ossia Lm3439.96.

Fin-nuqqas ta' kontestazzjonijiet ulterjuri da parti tal-kontendenti, u stante li l-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex ma takkoljix il-konkluzjoni tal-periti addizzjonali, tadotta l-ammont ta' Lm3439.95,5 bhala l-ammont dovut lill-attur.

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut Philip Caruana, ghalkemm jidher li verament kien imexxi kollox huh Rokku, l-istess konvenut ma ressaq l-ebda prova biex juri jekk hax passi biex jissalvagwardja l-pozizzjoni tieghu dwar spejjez li jistghu jigu nkorsi minhabba n-nuqqas li jsir dak li kien talab l-attur. Ghalhekk ghandu jbati l-ispejjez daqs hutu.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(a) tiddikjara li l-attur ikkostruwixxa l-mahzen f'Bishop Caruana Street, Zebbug u l-konvenuti naqsu li jaddivjenu ha jitkejjel ix-xoghlijiet hekk esegwiti mill-attur,
(b) tillikwida l-ammont dovut lilu ghal tali xoghlijiet fis-somma ta' Lm3439.96,
(c) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata ta' Lm3439.96 in soddisfazzjon tax-xoghlijiet kollha esegwiti mill-attur fil-kostruzzjoni tal-mahzen kif premess u dan bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur